FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

7 t'Ottubru 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas- Seba' (07)laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Seba' (07) Laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2015 fil-5.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Aggudikazzjoni ta Offerti
10. Genna ta Gonna u Hafna Aktar!
11. Mixja kongunta ma' Europa Donna Malta
12. Tisbieh Trejqet Macerata / Triq Macerata
13. Traffiku u parkegg
14. Gonna u soft areas
15. PPP - Justin Haber Football Academy
16. Villagg tal-Milied u Attivita ta` Lejliet il-Milied
17. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Seba' (07) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**Il-Vici Sindku Ivan Hallett attenda wara materja nru 4.22.**
**Il-Kunsillier Matthew Paris attenda wara materja nru 4.15.**

**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia ma kinitx prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tas-sitt (06) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mis-Sindku Davina Sammut Hili. Il-Kunsillier Vincent Borg astjena minhabba li ma kienx prezenti ghal-laqgha. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.9 u qal li hu kien iccekkja mal-linji gwida ta' Transport Malta u rrizulta li ma kien hemm xejn li jispecifika li l-iskejjel ghandhom ikollhom xi parkegg riservat.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.10.1 u qal li hu ma jsib l-ebda oggezzjoni li l-vetturi jipparkjaw bejn is-sigar imsemmija, bil-kundizzjoni li dan ma jkunx parkegg riservat izda jkun miftuh ghall-vetturi kollha. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill kellu jkellem lill-Perit dwar din il-materja u ghalhekk ghandha tistaqsi lill-Vici Sindku jekk kienx hemm xi zvilupp.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 13.0 u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp rigward il-bring-in sites.

2.3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li c-cirkolari kienet inkitbet u talbet lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jikkuntattja u jinforma lill-GreenMT.

2.3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li ghandu jkellem ukoll lill-haddiem tal-Kunsill sabiex jaghmel il-linji ta' parkegg necessarji.

2.3.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-kunsillier sabiex jinformaha meta jkunu lesti l-linji halli tkun tista' tohrog ic-cirkolari relatata.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand is-Sur Publio Agius dwar ittra li kien bat fis-27 t'Awwissu u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar dikjarazzjoni li kienet saret mill-Gvern fil-budget precedenti. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ghandha tistaqsi lill-Kunsillier Matthew Paris minhabba li kien hu l-kunsillier responsabbli mill-Floriana Regeneration Forum.

3.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Transport Malta fejn talbu lill-Kunsill sabiex jaghti feedback rigward proposta biex isir sleeping policeman jew zebra crossing fi Triq Pietro Floriani / Triq il-Kapuccini.

3.2.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li bhalma dejjem sar, il-Kunsill ghandu jitlob il-hsibijiet tar-residenti rigward l-installazzjoni ta' sleeping policeman fejn suggeriet. Il-Kunsill innota ukoll li diga hemm sleeping policemen fejn gie indiakta. Il-Kunsill qabel.

3.2.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li ma jahsibx li r-residenti kien se jkollhom oggezzjoni li ssir zebra crossing, izda wiehed irid jara l-effetti ta' din il-proposta fuq it-traffiku.

3.2.3 Il-Kunsill innota li fiz-zona proposta ghal-sleeping policemen, diga hemm approvazjoni ta zebra crossing, li ghada ma saritx minhabb ragunijiet finanzjarji.

3.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul talab li tingibed l-attenzjoni ta' Transport Malta ghall-bollards ta' hdejn l-iljun kif ukoll ghat-talba mressqa mill-Kunsill rigward il-waqfa tal-Park & Ride fil-Floriana.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Floriana Basketball Club fejn ipproponew li tittella' attivita' kongunta maghhom fl-10 t'Ottubru. Il-Kunsill approva din l-attivita' bil-kundizzjoni li l-ispiza ma teccediex €450.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Victor Battistino rigward il-Car Free Day. Hija qalet li huma kienu pproponew li ssir bicycle ride fil-21 ta' Settembru 2015 kif ukoll biex tigi organizzata l-Car Free Day nhar il-Hadd 27 ~~t'Ottubru~~ ta' Settembru 2015. Hija kompliet billi qalet li l-grant offrut kien dak ta' €2000.

3.5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li filwaqt li ma kellux oggezzjoni ghall-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, huwa ma jhossx li z-zmien moghti kien wiehed sufficjenti. Huwa qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jiccara maghhom li ghal darb'ohra, ghandhom jaghtu iktar zmien sabiex wiehed ikun jista' jorganizza l-attivita'.

3.5.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ppropona li l-Kunsill inizzel din l-attivita' fil-kalendarju tieghu sabiex din il-problema ma tergax tirrepeti ruhha u biex wiehed ikun jista' jahseb minn qabel u jaghmel il-preparazzjonijiet necessarji. Il-Kunsill qabel.

3.5.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jikteb lill-entita' kkoncernata sabiex fil-futur, jekk tkun ser terga' tigi organizzata l-attivita', il-Kunsill ghandu jkun informat tal-inqas xahar qabel.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Kenny Roberts li saqsa jekk l-attivita' ta' St Patrick's Day hux ser terga' tigi organizzata.

3.6.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma li din l-attivita' ser terga' tigi organizzata kif ukoll li l-applikazzjonijiet ghall-membri ghall-kumitat organizzattiv ghandhom jinfethu.

3.6.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ghandha tkellem lis-Sur Roberts sabiex tara jekk kienx jaf xi individwi li kienu interessati jiffurmaw parti mill-kumitat organizzattiv.

3.6.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili issuggeriet ukoll li ssir sejha t'interess fuq il-pagna ta' Facebook. Il-Kunsill qabel.

3.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn informa lill-Kunsill bil-ftuh tas-sena skolastika u talab jekk il-Kunsill jikkunsidrax jaghmel ghotja ta' kotba lill-istudenti tal-ewwel sena. Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita. Il-Kunisll qabel nem con

3.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward progett relatat ma' shared spaces u saqsa jekk il-Kunsill kienx ghadu interessat jiehu sehem. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikkonferma l-interess tieghu.

3.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet giet avvicinata minn residenta li talbet li l-Kunsill jinstalla dog bin fi Triq San Frangisk.

3.9.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li din it-triq kienet wahda mill-iktar toroq li tesperjenza problemi ta' skart. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lir-residenti sabiex jara jekk ghandhomx oggezzjoni ghall-installazzjoni ta' dan il-bin.

3.9.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li din it-triq kienet kollha abitata u ghalhekk id-dog bin kien ser ikollu jitwahhal magenb ir-residenzi.

3.9.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li jaf ikun hemm min jilmenta dwar l-instalazzjoni ta' bin f'din it-triq specifika u mhux f'toroq ohra.

3.9.4 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' t-talba minhabba li dan kien ser igib ilmenti mir-residenti kif ukoll li jista' jkun mitlub jaghmel bins ohra f'toroq ohra u ghalhekk tinholoq problema bil-manutenzjoni taghhom.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghal-laqgha li kien issuggerixxa li tintalab mal-Pulizija u saqsa jekk kienx hemm xi risposta. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ma kienx hemm risposta dwar din il-laqgha. Hija qalet li kienet ser tinzamm laqgha dalwaqt rigward Genna ta' Gonna u hafna aktar! u ghalhekk issuggeriet li certu proposti jistghu jigu diskussi dakinhar.

4.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghas-sitwazzjoni li kien fih is-swar li hemm fuq l-entratura tal-MCP car park fix-Xatt Pinto u saqsa jekk il-Kunsill setax jitlob lil min hu responsabbli sabiex tittiehed azzjoni immedjata. Huwa qal li s-swar kien qieghed ta' periklu kemm ghan-nies kif ukoll ghall-vetturi minbarra li dan is-swar kien jidher minn fejn jieqfu l-cruise liners.

4.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li xi ftit taz-zmien ilu kienet baghtet email lil Ministru Owen Bonnici dwar dan u kienet qed tistenna risposta minghandu.

4.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul insista li ghandha ssir pressjoni mill-Kunsill kollu minhabba li jhoss li l-lokalita' qed tigi minsija filwaqt li s-swar ta' lokalitajiet ohra kienu gew ristawrati.

4.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel il-pressjoni necessarja sabiex dawn is-swar jigu rrangati immedjatament minhabba li s-swar kien wirt storiku nazzjonali u mhux relatat biss mal-lokalita'.

4.6 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-kwistjoni tal-hamiem u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet informatha li kien sar xi haga fil-Belt Valletta u ghandha ticcekkja jekk l-istess haga setghetx tigi adottata fil-lokalita'.

4.7 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li kien innota li t-trakk tal-gabra tal-iskart ma kienx ghadu jqattar izda kien innota li meta jaqa' xi haga mill-boroz matul il-kollezzjoni, dan ma jingabarx. Ghalhekk huwa saqsa jekk il-Kunsill setax jitlob lill-kuntrattur sabiex izomm xkupa u pala fit-trakk biex ikun jista' jigbor l-iskart li jaqa'. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ghandha tinforma lill-kuntrattur b'dan.

4.8 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-materja precedenti u talab biex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur sabiex jitlob lill-haddiema tieghu jilbsu l-ingwanti matul il-hidma sabiex jigu evitati l-incidenti. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

4.9 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp rigward it-twahhil tal-fanali

ornamentali ta' fuq il-Fosos. Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex iwiegeb. Huwa qal li kien mar jara l-fanali f'liema stat kienu u jidher li kull ma kien jonqos kien il-wiring tal-fanali sabiex ikunu jistghu jitwahhlu, kif ukoll l-installazzjoni tad-demarcation boxes mill-Enemalta.

4.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-problema tad-dawl fil-gnien Sir Luigi Preziosi u qalet li din kienet giet solvuta u li d-dawl kien qed jixghel kif suppost.

4.11 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-kamera li kien hemm hdejn Bieb il-Bombi. Huwa qal li gie nnutat li din kienet tnehhiet izda l-arblu li kienet imwahhla fuqu kien ghadu mwahhal. Ghalhekk huwa saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob li dan l-arblu jitnehha. Il-Kunsill qabel u qabel li ghandu jitkellem ma' min hu responsabbli.

4.12 Is-Sindku Davina Sammut Hili issuggeriet li tintalab laqgha mal-Ministru Joe Mizzi. Il-Kunsill qabel.

4.13 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa jekk kienx hemm xi risposta mill-organizzaturi tac-CHOGM. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ma kienx ghad hemm risposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jikkuntattjahom u jitlob li jinghata risposta.

4.14 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp rigward il-vann li l-Kunsill ghandu jinghata.

Citadel Insurance

4.14.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien bat diversi reminders lill-~~Middlesea~~ izda baqa' ma kienx hemm risposta definittiva.

4.14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill kellu bzonn dan il-vann b'mod urgenti ghax ma setax ikun li l-haddiem jibqa' bla vann.

4.14.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li jinghata deadline sa gimghatejn ohra u f'kaz li ma jkunx hemm risposta definittiva allura l-Kunsill ghandu jwaqqaf kull ftehim.

4.15 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ghamel riferenza ghall-film The Tempest li kien ingibed ricentement u saqsa jekk kienx hemm xi kuntratt partikolari rigward funding. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma jidhirlux li kien hemm xi kuntratt. Ghalhekk Il-Kunsillier James Aaron Ellul ppropona li fil-futur, il-Kunsill ghandu jitlob li jsir kuntratt bil-miktub li fih jitnizzlu l-kundizzjonijiet u l-ftehim milhuq mal-partijiet kollha. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 17:42 Il-Kunsillier Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

4.16 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar it-tabelli li ghandhom jitwahhlu fi Triq San Publju. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li t-tabelli kienu ordnati izda kienu ghadhom ma waslux. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ghandha tkellem lill-kuntrattur hi.

4.17 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal-lift li hemm mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill u qal li kien hemm bzonn li dan jerga' jigi rrangat minhabba li rega' ma kienx qed jiffunzjona. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikkuntattja lit-technicians sabiex jigi rrangat.

4.18 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-progett tal-Polverista u saqsa ghalfejn ix-xoghol kien qed jinzamm. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-file kien qieghed ghand il-Heritage u qalet li ghandha terga' tkellimhom sabiex il-progett ikun jista' jitkompla. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li jekk il-progett ma jitlestiex sal-ahhar tas-sena, il-Kunsill kien ser jitlef il-fondi allokati ghal dan

il-progett.

4.19 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa dwar id-dawl tal-fossa u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp biex din tibda' tinxteghel.

4.19.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet ghadha ma rcevietx risposta minghand il-Malta Tourism Authority u li ghandha terga' tikkuntattja lill-Ministeru sabiex tara jekk kienx hemm xi progress.

4.19.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa jekk il-fossa tistax tinxteghel temporanjament ghal Genna ta' Gonna u hafna aktar! Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

4.19.3 Is-Segretarju Ezekuttiv ssuggerixxa li ssir demarcation box halli din tkun tista' tinxteghel. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ghandha tkellem lis-Sur Mark Hieraghrty biex id-dawl tal-fossa jigi mghoddi mad-dawl tal-fanali ornamentali.

4.20 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa dwar is-cigarette bins u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp, Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien qed jiehu hsieb jaghmel l-ordni ta' dawn il-bins.

4.21 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghal taht il-Forka u qal li kienu gew diskussi varji proposti bhall-irrangar tal-islip way li hemm bzonn li tigi rrangata. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet ser titlob laqgha mal-Ministru Joe Mizzi u li kellha tiddiskuti din il-kwistjoni mieghu.

4.22 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 3.1 u saqsiet lill-Kunsillier Paris jekk kienx hemm risposta. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu ma kienx prezenti ghal dik id-diskussjoni izda ghandu jistaqsi u jinforma lill-Kunsill bl-ezitu.

<u>Nota: 17:52 Il-Vici Sindku Ivan Hallett attenda ghal-laqgha.</u>

## <u>5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>

5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill xi membri ghas-sottokumitat tal-indafa li huma: Julian Holland, Alfred Farrugia, Sandra Sammut Hili u Joe Hili. Il-Kunsill approva.

5.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li hu kien qed jistenna risposta minghand il-president dwar laqgha. Huwa qal li appena jkun hemm data ghal-laqgha, ser jigu diskussi l-proposti tal-ghaqdiet.

## <u>6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill</u>

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## <u>7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji</u>

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 05-07, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-pagament dovut lic-Centru tal-Arbitragg u saqsa jekk kienx hemm decizjoni finali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill hallas il-parti tieghu. Is-

Sur Paris irrimarka li jekk is-sehme l-iehor ma jithallasx, id-decizizjoni tat-tribunal ma tigiex ipubblikata.

7.3 Il-Kunsillier Matthew Paris informa li kien ser jastjeni mill-pagamenti nru 16, 33, 45.

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Vici Sindku Ivan Hallett, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12968 sa 13037, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB,IH, DSH, JAE, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-prints ghall-muzew kienu waslu u issa kien hemm bzonn li jigu pprintjati xi booklets. Huwa qal li kien talab kwotazzjoni ghal mitejn booklet li kienet giet tammonta ghal €199. Huwa zied jghid ukoll li dawn il-booklets setghu jinbieghu mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gab kwotazzjoni ghad-dawl tal-Milied, tali kwotazzjoni ghandha tigi ccirkolata b'email sabiex tittiehed decizjoni dwar id-disinji.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

07/01: Sabiex Triq il Kapuccini u Triq San frangisk, specifikament il-bankini, jinhaslu bi prodott sabiex jitlaq il Hmieg minn fuq il-bankina, Dana wara l brushing li kien sar xi sentejn ilu.

Proponent: Dott. Matthew Paris
Datata: 21 ta' Settembru 2015

Il-Kunsillier Matthew Paris spjega r-raguni ghalfejn kien qed jipproponi din il-mozzjoni u qal li din il-bankina kellha bzonn ta' hasil minhabba li kienet thammget sew.

Wara li l-Kunsill iddiskuta din ir-rakkomandazzjoni, il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandhom jintalbu l-kwotazzjonijiet sabiex isir dan ix-xoghol.

---

07/02: Sabiex f'Jum il-Floriana jintrammaw il-posters li mhux jintużaw tal-personaġġi Furjanizi fi Triq Sant'Anna. Hija ħasra li dawn saru biex intużaw darba u issa mhux jintużaw. Naraw il-possibilta' jekk mhux possibli li jkunu fi Triq Sant Anna (l-biċċa tal-bini) jew bejn il-Bombi u Pjazza Sant'Anna, ovvjament naraw sew fejn l-aħjar dawn issiru biex nibqgħu ngħatu gieh il-Furjaniżi li għamlu l-isem lil-lokalita' tagħna.

Proponent: James Aaron Ellul
Datata: 21 ta' Settembru 2015

Il-Kunsillier James Aaron Ellul fetah id-diskussjoni billi spjega dak li kien qieghed jipproponi.

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta minhabba li kien hemm xi banners ta' personaggi li kienu nbieghu u ghalhekk ma kienux ghadhom ghand il-Kunsill. Huwa qal ukoll li jhoss li persuna ghandha tigi onorata darba anke minhabba li maz-zmien, mhux ser ikun hemm bizzejjed spazju fejn jitwahhlu iktar banners minhabba li n-numru ta' persuni onorati kien ser jizdied mas-snin.

Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li t-twahhil tal-banners ma kienx limitat ghat-toroq proposti biss u jekk it-toroq proposti ma kienux bizzejjed, allura setghu jitwahhlu xi banners f'xi toroq residenzjali wkoll. Huwa zied jghid li jekk ma nonorawx il-personaggi tagħna ma jonorahom ħadd

Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li l-materja tigi sospiza sabiex l-ewwel tigi evalwata il-proposta fid-detall.

Il-Kunsilleir James Aaron Ellul, irtira l-mozzjoni.

**<u>Nota: 18:15 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha tigi sospiza u l-Kunisll jirrisolvi ruhu f'kumitat tal-Offerti.</u>**

**<u>18:48 Il-laqgha tal-Kunsill tkompliet.</u>**

## 9.0 Aggudikazzjoni ta Offerti

9.1 Wara li l-Kunsill iddiskuta l-offerti sottomessi, il-Kunsillier Vincent Borg ressaq proposta sabiex tintaghzel l-offerta' tas-Sur Daniel Attard fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tar-Rakkomandazzjonijiet, minhabba li kienet l-orhos offerta fost l-offerti eligibbli li kienu gew sottomessi, ghas-servizzi mitluba mill-kunsill fil prezent. (Servizz A, B, u C1). Tali proposta giet issekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul. Ittiehed vot favur din il-proposta bir-rizultat kien:

Favur: 3 (VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (IH)

9.2 Il-Vici Sindku Ivan Hallett iddikjara li r-raguni ghalfejn kien ser jastjeni kien minhabba kunflitt t'interess, kif ukoll ghax hu ma jaqbilx mad-dokument tal-offerta li jinhareg b'*lots,* anke jekk dan kien iccirkolat u approvat qabel mill-Kunsill.

**<u>Nota: 18:50 Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

## 10.0 Genna ta Gonna u Hafna Aktar!

10.1 Il-Kunsillier Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal hafna mill-attivitajiet li kienu saru fl-edizzjonijiet precedenti ta' din l-attivita' kienu regghu gew ikkonfermati biex isiru f'din l-

edizzjoni. Huwa qal li kien hemm problema bil-fun trains li ssoltu jkun hemm iduru madwar il-lokalita' u dan minhabba li l-kumpanija li ssoltu taghmilhom kellha xi impenji ohra dakinhar.

10.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li tinstab alternattiva ohra ghal fun trains minhabba li din kienet attrazzjoni popolari man-nies li jattendu. Huwa qal li kien gie suggeriet li jkun hemm hop on, hop off bus izda jista' jkun hemm problema biex din tkun tista' tghaddi minn certu toroq. Huwa kompla billi qal li kienu gew ikkunsidrati wkoll is-CT Cabs izda l-ispiza kienet ser tkun ghalja.

10.3 Il-Kunsill qabel li jikkunsidra xi *Vintage Bus*, wara suggeriment tal-Kunsillier Vince Bezzina

10.4 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li fi Pjazza Papa Gwanni XXIII kien ser jittella' artisan market. Huwa qal li l-istands kienu ser jinghataw lill-Kunsill b'xejn izda l-Kunsill ghandu jiehu hsieb jipprovdi t-trasport sabiex dawn ikunu jistghu jingarru. Huwa kompla billi ssuggerixxa li l-Kunsill jikri vann ghal matul dawk it-tliet ijiem minhabba li jidher li ser ikun hemm bzonn ta' trasport ghal diversi ragunijiet. Il-Kunsill qabel fil-principju li jkollu trasport ghad-dispozizzjoni tieghu matul dawk it-tliet ijiem u li jara l-alternattivi li ghandu.

10.5 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li se jsir ukoll road show madwar il-Fosos kif ukoll dog show li ser jittella' fi Pjazza San Kalcidonju.

10.6 Il-Kunsillier Matthew Paris semma wkoll ikla bl-isem ta' Pranzo nel giardino li ser tigi tiswa' lill-Kunsill €450.

10.7 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Vici Sindku kien ser jiehu hsieb jitkellem mal-ministeru sabiex jitwahhlu bnadar tal-Floriana u ta' Malta fi Triq Sant'Anna.

10.8 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Grupp Hidma San Publju kienu ser jorganizzaw tombla. Huwa kompla billi qal li l-Assocjazzjoni Publju ta' Malta kienu ser itellghu esebizzjoni u xi attivitajiet ohra. Huwa qal li l-ispiza ser tammonta ghal €300. Il-Kunsill approva.

10.9 Il-Kunsillier Matthew Paris semma wkoll quddiesa li ser issir ~~fl-Argotti.~~ Fil-Mall

10.10 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghar-road show u qal li din se tigi tiswa lill-Kunsill madwar €200. Il-Kunsill approva.

10.11 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ser ikun hemm sebgha ghannejja hdejn il-Hockey Club li kienu ser jigu jiswew lill-Kunsill €35-il wiehed apparti s-sound. Il-Kunsill approva.

10.12 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kien qed jipprova jikkuntattja lill-Twilight izda ma kienx qed jinghata twegiba u ghalhekk qal lill-Kunsill li jekk jibqa' ma jinghatax risposta, kien ser ikollu jsib kuntrattur iehor.

10.13 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-banda Vilhena kienu ser jaghmlu band on bus kif ukoll jippartecipaw fil-Green Village imtella' mill-Kunsill.

10.14 Il-Kunsillier Matthew Paris qal ukoll li kienu ser jingibu zewg tined ghall-Green Village, u ser ikun hemm anke face painting fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Huwa semma li kien hemm problema b'min ser jamministra l-bar dakinhar u li kienet ser tinzamm laqgha mal-Floriana Supporters Club sabiex tigi diskussa din il-materja.

10.15 Il-Kunsillier Paris qal l-ghada kienet ser tinzamm laqgha mas-Supretendent Mallia fis-2pm.

10.16 Gie diskuss ukoll il-bzonn li tigi aggornata l-pagna ta' Facebook bil-programm li ghandu

jkun komplut dalwaqt.

10.17 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-banner kien ser jitlesta dalwaqt u dan ghandu jitwahhal mill-aktar fis possibli. Huwa qal ukoll li ser jigu pprintjati l-flyers li ser jitqassmu f'kull dar fil-lokalita'.

10.18 Il-Vici Sindku Ivan Hallett insista fuq l-importanza li jsiru r-riklami u promozzjoni fuq programmi televizi u tar-radju.

10.19 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li l-filmat mill-ajru kien kwazi lest ukoll.

10.20 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hemm talba biex is-Sindku tattendi ghal-launch tal-attivitajiet f'Ottubru sabiex tkun tista' tippromwovi l-attivita'. Huwa ssuggerixxa li l-filmat jixxandar dakinhar minflok il-prezentazzjoni li kienet giet mitluba taghmel.

10.21 Is-Sindku pproponiet li jkun hemm standard write up dwar l-attivita' li ghandha tintbat u tigi ccirkolata lill-media lokali kollha.

10.22 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li tinzamm konferenza stampa nhar id-9 t'Ottubru. Il-Kunsill qabel.

10.23 Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li jigu mistidnin ukoll l-ghaqdiet kollha li ser jippartecipaw. Il-Kunsill approva.

10.24 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa wkoll li l-Kunsill jara kemm jiswew ir-riklami fuq il-gazzetti. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 11.0 Mixja kongunta ma' Europa Donna Malta

11.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li bhal kull sena ser terga' tigi organizzata mixja ghall-gharfien tal-kancer tas-sider. Il-Kunsill approva li jippartecipa f'din il-mixja.

## 12.0 Tisbieh Trejqet Macerata / Triq Macerata

12.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal Trejqet Macerata u qalet li minn dejjem kellha hsieb li din it-triq issir bil-planters u jsir tisbih in generali. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

12.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hemm problema bil-planters li hemm fi Triq l-Isqof Mauro Caruana.

## 13.0 Traffiku u parkegg

13.1 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-attivita' ta' Car Free Day li kienet inzammet il-gurnata ta' qabel u qal li ma setax jifhem kif karozza li kellha bzonn tigi ttowjata, giet ittowjata fl-istess hin li Triq Sant'Anna kienet maghluqa. Huwa qal li dan ikkawza kongestjoni tat-traffiku li setghet tigi evitata.

13.2 Il-Kunsillier Paris kompla billi qal li din l-attivita' regghet kienet dizappuntanti minhabba li ghalkemm suppost tinkoraggixi uzu inqas tat-traffiku, li jsir hu li t-traffiku li ssoltu jghaddi minn triq jigi mghoddi minn toroq residenzjali u dan fl-opinjoni tieghu, kien aghar.

13.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili kkritikat il-mod kif din tigi organizzata principarjament minhabba li l-Kunsill kien gie avzat biss gimgha qabel u ghalhekk ma kellux bizzejjed cans jorganizza attivita' kif xtaq. Hija insistiet li dan m'ghandux jerga' jigi ripetut u li ghas-sena d-diehla, il-Kunsill ghandu jassigura li jkun ircieva l-fondi ghall-attivita' kif ukoll li jinghata bizzejjed hin biex jorganizza l-attivita'.

13.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-ghaxar spazji ta' parkegg li l-Kunsill kien irriserva ghall-pazjenti tal-chemotherapy fl-iSptar Sir Paul Boffa. Huwa qal li peress li din il-kura m'ghadiex tinghata f'dan l-isptar, allura dawn l-ispazji riservati ghandhom jitnehhew u jergghu isiru accessibli ghall-ipparkjar ta' vetturi normali. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonferma mal-iSptar Sir Paul Boffa li dan it-trattament m'ghadux jinghata fl-isptar qabel ma jnehhi dawn l-ispazji riservati.

## 14.0 Gonna u soft areas

16.1 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn persuna li wriet interess tizra xi hxejjex fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

16.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta izda ma qabilx minhabba li dan kien gnien pubbliku.

**Nota: 19:50 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

## 15.0 PPP - Justin Haber Football Academy

15.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili saqsiet jekk kinietx saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-istudenti fil-Justin Haber Football Academy minhabba li l-Kunsill kien ircieva zewg applikazzjonijiet.

15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma kienet inharget l-ebda sejha. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandha l-ewwel tinhareg is-sejha qabel ma jigu kkunsidrati l-applikazzjonijiet u dan sabiex kulhadd jinghata cans.

15.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-Akkademja kienet ilha ma thallas kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuti lill-Kunsill ghal zmien twil. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem maghhom sabiex il-kontijiet pendenti jigu ssetiljati.

15.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-Akkademja kienu talbu biex jigi rrangat it-turf tal-picc u l-fencing. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkunsidra dawn it-tiswijiet appena jkun ircieva l-pagamenti dovuti.

## 16.0 Villagg tal-Milied u Attivita ta` Lejliet il-Milied

16.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill b'sejha li kienet saret mill-Gvern Centrali fejn il-Kunsill kien gie avvicinat sabiex jippartecipa fi skema ta' attivitajiet kulturali.

16.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili kompliet billi qalet li kien intlahaq ftehim mal-kumpanija li ser torganizza Christmas Village fejn il-Kunsill jinghata donazzjoni sabiex ikopri l-ispejjez involuti jekk il-Kunisll jirbah xi fondi mill-iskema.

16.3 Il-Kunsill approva l-applikazzjoni ghal din l-attivita' b'mod unanimu.

16.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa jekk kienx hemm risposta fuq it-talba ghal twahhil ta' banner fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku irrimarkat li l-Kumpanija talbet li jkolla li skot, ghall-€15 kull jum. Il-Kunsill Approva.

16.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kienet inholqot problema minhabba li l-banner ta' Genna ta' Gonna kien ser jitwahhal fl-istess zmien tal-banner tal-attivita' tal-Phoenicia. Huwa qal li wara li tkellem mal-Phoenicia kien intlahaq ftehim li l-banners jitwahhlu dahar ma' dahar sakemm tghaddi l-attivita' ta' Genna ta' Gonna.

**Nota: 18:00 Il-Vici Sindku Ivan Halletta talab li jkun skuzat.**

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 28 t'Ottubru 2015 fil-5pm.

Il-laqgha ntemmet fit-8.15pm.

~~Davina Sammut Hili~~
~~Sindku~~

Ivan Hallett
Vici Sindku.

Svetlick J. Flores
Agent Segretarju Ezekuttiv